# L-Arkitettura u l-Iskultura kkummissjonata mill-Oratorjani fil-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo fl-Isla

**Dr Christina Meli**
**LL.D (Melit.), M.A History of Art (Melit.)**



*Dr Christina Meli gradwat fil-Liġi u fl-Istorja tal-Arti mill-Università ta' Malta. L-arkitettura u l-iskultura tal-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo fl-Isla kienu s-suġġett tat-teżi tal-Baċċelerat tagħha fl-Istorja tal-Arti.*

Il-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, strateġikament mibnija fuq il-ponta tal-peniżola tal-Isla, ġiet mogħtija lill-Kongregazzjoni tal-Oratorju ta' San Filippu Neri fl-1662. Il-kostruzzjoni u l-arkitettura li naraw fiha llum il-ġurnata huma riżultat tal-entużjażmu tal-Oratorjani sabiex isebbħu l-knisja li ġiet fdata lilhom.[1] L-intervenzjonijiet tagħhom ħallew marka fuq il-knisja, l-oratorju, u l-kunvent li tirrifletti l-ammirazzjoni kbira li kellhom lejn iċ-Città Eterna, Ruma.

Fil-fatt, il-bidu tal-Kongregazzjoni tal-Oratorju ta' San Filippu Neri seħħ f'Ruma u kien parti mill-effetti tal-Kontro-riforma. Din l-ordni reliġjuża ġdida kienet tgħożż il-prattikalità, il-kuntatt kontinwu mal-lajċi, u l-importanza tal-appostolat. In-natura tal-formazzjoni tagħha kienet differenti minn ordnijiet oħrajn. Kienet tixbah ħafna aktar lil xi assoċjazzjoni ta' qassisin b'għan wieħed u komuni iktar milli ordni proprja, bħall-Ġiżwiti. Din il-filosofija kienet ukoll ġiet riflessa fil-kummissjoni tal-arkitettura tagħhom f'Ruma. Il-pjanta tal-knisja materna tagħhom, iddedikata lil *Santa Maria in Vallicella* u magħrufa bħala *Chiesa Nuova*, ma kinitx riġida u organizzata minn qabel; anzi tista' tgħid li ħadet il-forma tagħha mill-ħtiġijiet improvizzati li kienu jinqalgħu lill-Oratorjani.[2] L-Oratorjani f'Malta ma kellhomx relazzjoni istituzzjonali uffiċjali mal-Kongregazzjoni tal-Oratorju ta' San Filippu Neri f'Ruma.[3] Madanakollu, xorta kienu jiddentifikaw ħafna mal-mod ta' kif kienu jgħixu ħajjithom għax kienu jimxu xorta waħda mar-regoli tal-Oratorjani u kellhom venerazzjoni speċjali għall-qaddis protettur u fundatur tagħhom, San Filippu Neri. Kienu wkoll dedikati ħafna lejn ix-xandir tal-appostolat u fl-Isla kienu rispettati u apprezzati ħafna għat-tmexxija spiritwali tagħhom kif ukoll għas-servizzi pastorali li kienu jipprovdu.[4]

L-ewwel grupp ta' Oratorjani f'Malta twaqqaf fl-1650 minn erba' qassisin fil-Birgu. L-Isqof Balaguer tahom il-Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli fil-Birgu. Oriġinarjament mibnija fl-1624, din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid mill-Oratorjani fl-1651. Kellhom ukoll il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu max-xatt tal-Birgu, però din ġiet mogħtija lis-sorijiet Franġiskani fl-1886. L-Oratorjani fil-Birgu qatt ma kienu numerużi u t-telfa ta' din il-knisja kompliet tkidd sitwazzjoni li kienet diġà diffiċli. Ta' suċċess akbar kienet il-Kongregazzjoni li twaqqfet fl-Isla. Fil-15 ta' Lulju tal-1661, sitt qassisin ippreżentaw petizzjoni lill-Isqof Balaguer biex jingħatalhom permess li jiffurmaw kongregazzjoni taħt il-protezzjoni ta' San Filippu Neri.[5] Fiha esprimew ix-xewqa li jistabilixxu dan l-Oratorju fil-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo fl-Isla bil-wegħda li jkabbruha. Hekk kif l-Isqof laqa' t-talba ta' dawn il-qassisin f'Marzu tal-1662, inbeda kapitlu ġdid għas-sinifikat politiku, soċjali, u artistiku ta' din il-knisja.

Madankollu, il-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo



**(Fig. 1):** *Il-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, magħrufa wkoll bħala ta' San Filippu Neri, fuq il-ponta tal-Isla*

kienet ukoll soċjalment importanti qabel l-intervent tal-Oratorjani. Oriġinarjament iddedikata lill-Viżitazzjoni tal-Madonna, din il-knisja twaqqfet mit-tieni kappillan tal-paroċċa tal-Isla, Don Vincenzo Caruana, fit-tieni nofs tas-seklu sittax.[6] Ftit wara kisbet it-titlu tal-Porto Salvo. Parti mir-raġuni għal dan it-titlu kienet il-pożizzjoni tal-knisja fuq il-ponta tal-Isla[7] (Fig. 1) iżda l-knisja kienet ukoll marbuta ħafna mal-baħħara. Din il-konnessjoni sarrfet f'kummissjonijiet ta' oġġetti artistiċi għal ġewwa din il-knisja mill-baħħara stess kif ukoll ġabet magħha sapport finanzjarju. Il-festa tal-Viżitazzjoni tal-Madonna kienet ukoll marbuta mal-baħar. Fil-jum tal-festa, fit-2 ta' Lulju, kienet issir regatta u r-rebbieħa kienu jingħataw il-premju, li kien palju tal-ħarir, fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Porto Salvo.

L-ewwel *prepostu* (kif kien jissejjaħ is-superjur tal-Oratorjani), Don Simone Schembri, kien il-patrun prinċipali tal-proġett li kien jikkonsisti fir-rikostruzzjoni ta' knisja ġdida, oratorju ġdid, kif ukoll kunvent ġdid. Kien magħruf bħala raġel intellettwali u spiritwali li kellu wkoll dottorat fit-teoloġija. Kien ukoll eżaminatur tal-kleru, konsulent għat-Tribunal tal-Inkwiżizzjoni, u kien ukoll jagħti pariri lill-Gran Mastru Zondadari.[8] Fl-1662, meta ngħataw il-knisja, l-Oratorjani sabu knisja żgħira b'sitt altari. Ftit snin qabel, fl-1631 kienu żdiedu żewġ kappelli fuq kull naħa tal-istruttura rettangolari u fl-1653, kienet ukoll inbniet dar żgħira għar-rettur tal-knisja. L-Oratorjani kienu aktar ambizzjużi fil-viżjoni tagħhom għal dan il-proġett.[9] Bis-saħħa tal-patronċinju ta' Don Simone Schembri u bosta donazzjonijiet mill-poplu tal-Isla, bdiet tinbena knisja ġdida fl-1670.

Il-kapomastru magħżul għal dan il-proġett kien Carlo Vella.[10] Carlo Vella kien diġà ħadem ma' Pietro Burlò fuq il-proġett tal-bini tal-fortifikazzjonijiet fil-Floriana kif ukoll fuq bini u dekorazzjoni ta' artal fil-Knisja Parrokkjali tal-Isla.[11] Il-knisja l-ġdida ġiet imfassla fuq pjanta forma ta' salib, il-pjanta preferuta mill-Kunsill ta' Trent; u sal-1686 kellha tmien artali ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu, San Leonardu, San Ġwann il-Battista, San Mikiel, San Anton ta' Padova, Sant'Andrija, il-Kurċifiss, u San Filippu Neri.[12]

Maġenb il-knisja nbena oratorju li kellu artal ieħor iddedikat lil San Filippu Neri kif ukoll erba' pitturi oħra mal-ħitan tal-ġenb.[13] L-oratorju dam jinbena aktar mill-knisja għax maġenbu twaqqgħu xi djar sabiex tinbena wkoll dar kbira biex isservi ta' kunvent għall-Oratorjani. Sal-1695, il-kunvent kien għadu ma tlestiex kollu.[14] Dan kien jikkonsisti minn ġnien żgħir u bosta kmamar modesti: '*Fece un Coritore, Dormitorio, Cammere, Refetorio, Cucina, Dispensa, ed altro bisognevole per la Communità*'.[15] Huwa deskritt bħala '*umile, non fastoso: ma sufficiente, ed adattato all'umiltà dell'Istituto di S. Filippo*'.[16]

Meta Don Simone Schembri miet fl-20 ta' Awwissu 1723, ħalla warajh kumpless kważi lest li kien jikkonsisti mill-knsja, l-oratorju, u l-kunvent. Ħames xhur wara, Don Francesco Saverio Politano, ġie elett *prepostu* tal-Oratorjani. Dan il-*prepostu* ried ukoll iħalli l-marka tiegħu fuq il-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo u għalhekk fittex biex iwaqqa' u jerġa' jibni l-oratorju u l-kunvent. Din il-kummissjoni ta' oratorju u kunvent ġodda u akbar milli kien bena Don Simone Schembri kienet kwistjoni mimlija kontroversja. Wieħed mill-membri tal-Kongregazzjoni tal-Oratorjani, Don Giuseppe Calleja, laqa' din ix-xewqa bi kritika ħarxa. Huwa argumenta li l-kunvent kien għadu ġdid – fil-fatt kien għadu qas biss tlesta fl-1694 – u għalhekk, il-bini ta' wieħed akbar kien żejjed u mhux ta' bżonn.[17] Minkejja dawn l-oġġezzjonijiet, l-Isqof iddeċieda favur Don Francesco Saverio Politano u l-bini tal-kunvent il-ġdid beda bejn wieħed u ieħor fis-sena 1734.

Dan il-proġett kien fdat lill-Kapomastro Petruzzo Debono.[18] Ix-xogħlijiet tlestew f'madwar għaxar snin, fl-1744.[19] Kienet ukoll taħt id-direzzjoni ta' Petruzzo Debono li sa fl-aħħar tlestiet il-knisja billi nbniet il-koppla. Dan sar madwar l-1741 għax insibu żewġ pagamenti ta' mitt skud il-wieħed lill-Petruzzo Debono, imniżżlin fl-arkivji tal-Kongregazzjoni. Petruzzo Debono, ikkummissjonat minn Don Francesco Saverio Politano, kien ukoll responsabbli għall-bini u l-immudellar tal-ħajt tal-kor ġewwa l-knisja.[20] Id-dekorazzjoni tal-kor



(Fig. 2): *Pietro Paolo Zahra, Reredos tal-Artal Maġġur tal-Madonna tal-Porto Salvo, Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, L-Isla*



(Fig. 3): *Pietro Paolo Zahra, Reredos tal-Artal Maġġur tal-Madonna tal-Porto Salvo, Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, L-Isla* (Dettall)

(Fig. 2) kienet fdata f'idejn Pietro Paolo Zahra, wieħed mill-aktar skulturi importanti fis-seklu tmintax f'Malta, li kien ukoll mill-Isla.[21] Skont il-kuntratt, Zahra kellu jnaqqax l-artal li jinsab fil-kor tal-knisja skont disinn li kien tpenġa minn Zahra nnifsu u li fuqu kienu ftiehmu ż-żewġ partijiet.

Ix-xogħol kellu jitlesta f'sena għall-ħlas ta' 225 skud. Il-faċċata pjuttost ordinarja tal-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo ma tippreparakx għad-dekorazzjoni rikka tal-kor bi *gloria* kbira mdawra bl-anġli u *putti*. L-elementi u l-motivi wżati minn Zahra, fosthom il-*gloria* u l-*angeli adoranti* (Fig. 3), juru l-influwenza tal-istil Barokk Ruman fuq l-iskultura Maltija tas-seklu tmintax. L-anġli f'att ta' adorazzjoni jafu l-oriġini tagħhom fl-iskultura ta' Gian Lorenzo Bernini, filwaqt li l-anġli li qed iżommu s-sħab 'il fuq (Fig. 4) jixbhu ħafna lill-anġli u d-dekorazzjoni mas-saqaf tal-knisja tal-Ġiżwiti magħrufa bħala *Il Gesù* f'Ruma (Fig. 5). Zahra kien jaf b'dawn l-iskemi ta' dekorazzjoni mid-disseminazzjoni u tixrid kbir ta' inċiżjonijiet u tpinġijiet minn Ruma madwar l-Ewropa kollha.[22]



(Fig. 4): *Pietro Paolo Zahra, Reredos tal-Artal Maġġur tal-Madonna tal-Porto Salvo, Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, L-Isla* (Dettall)

Id-dekorazzjoni fil-ġebla tal-artal tal-oratorju huwa attribwit lil Zahra fuq bażi t'analażi stilistika. L-oratorju, ikkummissjonat minn Don Francesco Saverio Politano, ma kellux xorti tajba għax kien l-unika parti mill-kumpless kollu li ntlaqat fit-Tieni Gwerra Dinjija. Ftit wara reġa' ġie mibni iżda l-iskultura tas-seklu tmintax li kien għad fadal tneħħiet u nafu biss kif kienet minn ritratt antik li juri l-oratorju (Fig. 6). Ir-reredos tal-artal maġġur tal-oratorju kien imżejjen bi *gloria* mdawra bis-sħab u b'*putti* li qed jużaw l-*affetti* tal-istil Barokk Ruman.[23] Din it-tip ta' dekorazzjoni hija karatteristika tax-xogħol tipiku ta' Pietro Paolo Zahra u fil-fatt tixbah ħafna lid-dekorazzjoni tal-kor tal-knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo kif ukoll ix-xogħol tal-istess *scalpellino* fl-Oratorju tal-Kurċifiss ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Isla.

Lura għall-artali ġewwa l-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, l-artal ta' San Filippu Neri (Fig. 7) wkoll juri biċ-ċar l-ammirazzjoni tal-Oratorjani Maltin għal dawk ta' Ruma. Mill-bidu tiegħu, ikkummissjonat minn Don Simone Schembri, dan l-artal kien ibbażat fuq l-artal ta' San Filippu Neri fil-knisja ta' *Santa Maria in Vallicella* f'Ruma (Fig. 8).[24] Ir-reredos tal-artal huwa



**(Fig. 5):** *Id-dekorazzjoni mas-saqaf tal-knisja* **Il Gesù**, *Ruma*



**(Fig. 6):** *Attribwit lil Pietro Paolo Zahra, l-Artal fl-Oratorju ta' San Filippu Neri, wara li kien l-unika parti mill-kumpless li ntlaqtet fit-Tieni Gwerra Dinjija*



**(Fig. 7):** *L-Artal ta' San Filippu Neri, Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, L-Isla*



**(Fig. 8):** *L-Artal ta' San Filippu Neri, Knisja ta'* **Santa Maria in Vallicella**, *Ruma*

miksi b'dekorazzjoni intrika fil-ġebla Maltija. Il-pittura ta' San Filippu Neri, attribwita lill-artist Kavallier Fra Pedro Nuñez da Villavicencio, hija mdawra b'din id-dekorazzjoni rikka. L-ikbar xebh bejn l-artal fil-knisja tal-Oratorjani f'Ruma jinsab proprja fil-pittura nnifisha; b'xebh kbir fil-kompożizzjoni mal-pittura f'Ruma mpittra minn Guido Reni. Huwa wkoll interessanti kif id-dekorazzjoni fil-ġebla Maltija madwar il-kolonni hija mmudellata fuq id-dekorazzjoni li hemm fuq id-damask madwar il-kolonni tal-artal f'Ruma (Fig. 9). B'dan il-mod, id-dekorazzjoni efemerali tad-damask ġiet mibdula f'dekorazzjoni aktar permanenti permess tal-użu tal-ġebla fl-iskultura Maltija.



**(Fig. 9):** *Ix-xebh bejn l-Artali ta' San Filippu Neri fl-Isla u f'Ruma*



**(Fig. 10):** *L-Artal tal-Madonna ta' Guadalupe, Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo, L-Isla*

Faċċata l-artal ta' San Filippu Neri, wieħed isib l-artal iddedikat lill-Madonna ta' Guadalupe (Fig. 10). Il-kwadru skulturat fil-ġebel li jdawwar il-pittura ta' Tommaso Madiona huwa mżejjen b'mod elaborat. L-iktar element li jiġbed il-għajn f'dan ir-reredos huwa s-salib tal-Ordni ta' San Ġwann li hu minqux fuq kull bażi ta' kull kolonna (Fig. 11). Meta wieħed jikkonsidra żewġ fatti: l-ewwel, il-fatt li din il-knisja qatt ma gawdiet mill-patronċinju tal-Ordni; u t-tieni, il-fatt li l-istruttura ta' dan l-artal hija kompletament differenti mill-bqija tal-



**(Fig. 11):** *Is-Salib tal-Ordni ta' San Ġwann fuq il-kolonni tal-Artal tal-Madonna ta' Guadalupe*

artali tal-knisja, huwa possibbli li dan l-artal qatt ma kien oriġinarjament intenzjonat li jitqiegħed f'din il-knisja. Fil-fatt hemm xebh qawwi mal-iskultura tal-oratorji tal-Ġiżwiti fil-Belt Valletta, partikolarment l-Oratorju tal-Immakulata Kunċizzjoni. Jista' jkun li dan l-artal kien maħdum għal xi mkien simili iżda għal xi raġuni, bħal żball fil-qies jew nuqqas ta' ftehim, spiċċa mpoġġi fil-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo fl-Isla.

L-ammirazzjoni tal-Oratorjani Maltin għall-Oratorjani f'Ruma kienet ukoll riflessa fid-dekorazzjoni u tqassim ta' kmamar tal-kunvent fl-Isla. L-ikbar xebh insibuh fl-entraturi, fl-artikolazzjoni tal-kuruturi, fl-inklużjoni importanti ta' librerija, u fl-użu ta' busti f'niċeċ ovali fuq il-bibien. Membri tal-Kongregazzjoni f'Malta kienu liberi li faċilment iżuru Ruma u flimkien ma' nies oħra li kienu jsiefru, kienu jġibu magħhom ideat ġodda. Din l-influwenza tal-istil Barokk Ruman tinħass ukoll fid-dekorazzjoni u l-artikulazzjoni tal-faċċata tal-kunvent. L-element dominanti huwa l-istatwa ta' San Filippu Neri (Fig. 12) li, minn analiżi stilistika tal-*affetti* tal-figura u l-mod ta' kif inhu maħdum id-drapp tal-libsa fil-ġebla, hija attribwita wkoll lill-*iscalpellino* Pietro Paolo Zahra.[25]

L-Oratorjani qatt ma kienu numerużi f'Malta u l-Kongregazzjoni fl-Isla ma damitx attiva aktar mis-sena 1957 meta minflokhom ġew il-Ġiżwiti. Wara, is-




**(Fig. 12):** *Attribwit lil Pietro Paolo Zahra, San Filippu Neri, Faċċata tal-Kunvent tal-Kongragazzjoni tal-Oratorju ta' San Filippu Neri, L-Isla*

Salesjani ħadu l-knisja u l-kunvent taħt idejhom fl-2008. Minkejja l-fatt li l-Oratorjani f'Malta m'għadhomx attivi, il-patronċinju artistiku tagħhom fl-Isla ħalla l-marka indimentikabbli tiegħu fuq l-arkitettura u l-iskultura kemm tal-Knisja tal-Madonna tal-Porto Salvo kif ukoll fuq il-kunvent. Forsi l-ikbar xhieda ta' din il-marka huwa l-isem li taħtu hija wkoll magħrufa l-knisja, ta' San Filippu Neri. Dan il-kumpless arkitettoniku, parti integrali mill-influwenza ta' Ruma fuq Malta tas-seklu tmintax, huwa simbolu tal-wirt li ħalliet din l-għaqda ta' ftit qassisin fil-Belt tal-Isla.

## Referenzi


[1] Dan l-artiklu huwa bbażat fuq ir-riċerka oriġinali li tifforma l-bażi tat-teżi tal-Baċċelerat fl-Istorja tal-Arti miktuba mill-awtriċi. Ara Christina Meli, 'The Church of Our Lady of Porto Salvo and the Congregation of the Oratory of St Philip Neri in Senglea: An Architectural Appraisal' (teżi tal-Baċċelerat fl-Istorja tal-Arti, Dipartment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti, Università ta' Malta, 2015). Ara wkoll verżjoni oħra ta' dan l-artiklu ppubblikata bl-Ingliż fis-sensiela *Treasures of Malta*. Christina Meli, 'The Church of the Virgin of Porto Salvo in Senglea: The Architectural and Sculptural Patronage of the Oratorians', *Treasures of Malta*, Numru 68, Għid 2017, Volum xxiii, numru 2, 40-7.

[2] Joseph Connors, *Borromini and the Roman Oratory* (The MIT Press, 1980), 7-12.

[3] Alexander Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina Volume III* (Parroċċa tal-Isla, 1991), 214.

[4] Frans Ciappara, 'Gli Oratoriani a Malta (1650-1928)', f'*Annales Oratorii*, Numru 4 (2005), 53-72.

[5] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione della Chiesa, ed Oratorio di S. Filippo Neri della Città Senglea nella diocese di Malta*, f. 1r.

[6] Alexander Bonnici, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika-Santwarju ta' Marija Bambina Volume I* (Parroċċa tal-Isla, 1981), 95.

[7] Achille Ferris, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (1866), 259.

[8] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione*, op. cit, f. 3v.

[9] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Visitationes Pastorales* XI, 1621-1631, ff. 504v-505v. Ara wkoll SPA, *Memorie Ecclesiastiche*, f. 80.

[10] Stefano Zahra, *Discorso sulla Storia Artistica di Malta* (J. Quintana, 1850), nota 31.

[11] John Debono, *Art and Artisans in St John's and other Churches in the Maltese Islands ca. 1650-1800* (2005), 163-5.

[12] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Visitationes Pastorales* XXIV, 1685-1687, f. 112v-115r.

[13] Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof, *Visitationes Pastorales* XXIX, 1714-1717, f. 327v.

[14] Ibid. Ara wkoll SPA, *Relazione*, op. cit, f. 4r.

[15] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione*, op. cit, f. 2v-4r.

[16] Ibid.

[17] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione*, op. cit, f. 6r-6v.

[18] Biblioteka Nazzjonali ta' Malta, *Libr. 751*, f. 284.

[19] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione*, op. cit, f. 8v.

[20] Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta, *Libr. 751*, f. 284.

[21] Arkivju Notarili Valletta, Nutar F. Pisano, R 395, Volum 6, ff. 464v-467v. Ara wkoll John Debono, *Documentary Sources on Maltese Artists: Pietro Paolo Zahra (1685-1747) and his son Francesco Vincenzo (1710-1773)* (2010), 234-6.

[22] Għal aktar informazzjoni fuq Pietro Paolo Zahra, ara Christina Meli, 'From the Eternal City to Malta: The Roman Baroque Imprint on the Regional Late Baroque Sculpture of Pietro Paolo Zahra' (teżi tal-Master's fl-Istorja tal-Arti, Dipartment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti, Università ta' Malta, 2017).

[23] Ritratt minn *Malta at War Magazine*, Blitzed Churches, serje 7/18, suppliment ta' kartolini.

[24] Arkivju tal-Parroċċa tal-Isla, *Relazione*, op. cit, f. 2v.

[25] Ara Meli (2017), 198 u Meli (2015), 149.


Qajjenza Bar & Diner
Delicious Steaks, Ribs, Burgers & English Fish Specialities
*Jesse J. Barnes*
**Triq il-Qajjenza, Qajjenza, Birżebbuġa • Tel: 2165 1901 • Mob: 7990 7055**
**Email: qajjenzabar@gmail.com • http://www.qajjenzabar.vpweb.co.uk**